KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 407 (8-35)

It-Tnejn 27 ta' Mejju 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' online (skond Direttiva 7/2020).

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant (daħal għal-laqgħa fis-5.50pm)
Il-Kunsillier Julian Borg (daħal għal laqgħa fis-6.10pm)
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ħadd assenti

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**407.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Kulħadd kien preżenti.

**407.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 406. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**407.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma tqajjmux punti mill-Minuti.

**407.2.1** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li kienet saret laqgħa mas-Sindku fejn ġew diskussi l-ispejjeż relatati mal-proġett u kif ser ikunu mqassmin biex jiġi evitat 'double financing' meta jsiru l-applikazzjonijiet għal-fondi.

**407.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**407.3.1** Is-Sindku informa li minħabba estensjoni fl-azzjonijiet industrijali tas-Segretarji Eżekuttivi, inqabeż il-perjodu ta' 4 ġimgħat biex il-Kunsill jerġa jitlaqqa' Seduta. Huwa qal li peress li issa l-azzjonijiet ġew sospiżi, is-Seduti li jmiss ikomplu jsiru nhar ta' Tnejn f'dati maqbula.

Il-Kunsillier Kurstein Sant daħal fis-5.50pm.

**407.3.2** Is-Sindku rrefera għal talba għal għajnuna finanzjarja mill-Grupp tal-Armar 6 ta' Diċembru relatat mal-Festa ta' San Nikola 2021. Huwa qal li l-ispiża biex din l-għaqda żżejjen u tixgħel il-Pjazza u t-toroq tal-madwar għal żmien il-festa hija ta' €7000, madankollu huwa qed jitolbu s-somma ta' €1200 bħala għajnuna biex jinxtegħlu dawn it-toroq u jintramaw il-pavaljuni u l-bandalori. Is-Sindku qal li għalkemm il-festa fuq barra mhux ser issir, xorta għandu jsir it-tiżjin fil-qalba tar-raħal, u propona li t-talba tiġi milqugħa. Il-Kunsill unanimament approva.

Is-Sindku qal li l-istess għaqda qed jiproponu li l-ikla tal-festa li ssoltu ssir fis-sqaq tal-Kamrun, din is-sena ssir fi Pjazza San Nikola quddiem il-Kappella ta' San Ġwann. Il-Kunsill qabel li mhemm l-ebda oġġezzjoni għal dan sakemm jinġiebu l-permessi kollha neċessarji.

**407.3.3** Is-Sindku preżenta talba mill-Każin Banda San Nikola biex jitpoġġew tmien arbli madwar il-monument tat-Tabib Nikola Zammit u arblu fil-bidu ta' Triq Sta Margerita, b'diversi kundizzjonijiet. Is-Sindku were *sketch* ta' fejn huma proposti li jiġu l-arbli. Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk il-post propost hux fuq ir-roundabout jew fit-triq u saqsiet x'permessi hemm bżonn għalihom. Is-Sindku qal li m'hemmx indikat jekk l-arbli hux ser ikunu hemm b'mod permanenti jew temporanju. Wara li ddiskuta, l-Kunsill talab li jkollu iktar informazzjoni.

**407.3.4** Rigward ir-restawr proposta tal-monument tat-Tabib Nikola Zammit, is-Sidnku qal li kellu kuntatt mat-tifel tal-iskultur Ġanni Bonnici, biex jaħtina stima u rapport għar-restawr tal-istess monument.

407.3.5 Is-Sindku informa li l-ġimgħa d-dieħla ser issir laqgħa mar-reppreżentanti tad-Dipartiment tal-Artijiet rigward diversi issues pendenti, fosthom l-applikazzjoni tar-reading garden, l-applikazzjoni tal-family park. Is-Sindku qal li ser tintalab kjarifika dwar parti ta' art li terzi qed jallegaw li tgħajjat lilhom, u li minħabba f'hekk il-proġett tan-nigħt shelter ilu miżmum xhur. Is-Sindku qal li dan qed jikkawża fondi tal-Urban Improvement Funds diġa kommessi milli jibqgħu fuq l-ixkaffa b'riskju li jintilfu.

Il-Kunsillier Julian Borg daħal fis-6.10pm.

**407.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**407.5 Mozzjoni sabiex tintbagħat ittra lill-Onor. Dott. Aaron Farrugia, Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, dwar l-applikazzjoni għar-rilokazzjoni tal-pompa tal-petrol li tinsab fi Pjazza San Nikola fis-Siġġiewi.**

*"Billi fl-aħħar snin il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi iddiskuta u nieda laqgħat ta' konsutazzjoni dwar l- applikazzjoni għar-rilokazzjoni tal-pompa tal-petrol li tinsab fi Pjazza San Nikola fis-Siġġiewi għal sit alternattiv;*

*Billi fl-aħħar ġimgħat is-Sindku għan-nom tal-Kunsill Lokali is-Siġġiewi, flimkien ma' rappreżentanti involuti fl-applikazzjoni għar-rilokazzjoni tal-pompa tal-petrol attendew għal-laqgħa mal-Ministru Farrugia sabiex jiddiskutu l-istat preżenti ta' din l-applikazzjoni u kif din taffettwa lil komunita' Siġġiwija;*

*Billi l-Ministru Farrugia staqsa x'pożizzjoni għand il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi dwar din il-materja;*

*Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa llum il-Ħamis 27 ta' Mejju 2021;*

*Jirrisolvi li l-Kunsill Lokali is-Siġġiewi jaqbel li tintbagħat ittra lil Onor. Aaron Farrugia, Ministru għall- Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar sabiex ikun infurmat dwar l-andament tad-diskussjoni li saret dwar l-applikazzjoni għar-rilokazzjoni tal-pompa tal-petrol li tinsab fi Pjazza San Nikola fis-Siġġiewi u x'pożizzjoni ħa l-Kunsill Lokali fuq din il-materja."*

**407.5.1 Approvazzjoni tal-ittra lill-Ministru għall-Ambjent ... b'konnessjoni ma' item 407.5**
*"Għażiż Onor. Aaron Farrugia,*
*Ministru għall-Ambjent, it-Tibbdil fil-Klima u l-Ippjanar*

*Qiegħed niktiblek din l-ittra għan-nom tal-Kunsilliera kollha fi ħdan il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi, fid-dawl ta' laqgħa li jien flimkien ma' rappreżentanti involuti fl-applikazzjoni għar-rilokazzjoni ta' Mallia Petrol Station fis-Siġġiewi, kellna miegħek nhar il-Ħamis 6 ta' Mejju 2021.*

*Matul din il-laqgħa ġiet diskussa s-sitwazzjoni preżenti in konnesjoni mal-proċess ta' applikazzjoni għar-rilokazzjoni tal-pompa msemmija u fid-dawl ta' laqgħa oħra li kienet saret ma' rappreżentatni tal- Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) aktar kmieni din is-sena. Il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi fl-aħħar snin iddiskuta diversi drabi din it-tema kif ukoll wettaq proċess ta' konsultazzjoni dwar dan il-proġett fejn dan il-proċess ta' konsultazzjoni kien miftuħ għar-residenti u familji kollha Siġġiwin, fejn lkoll kienu mistiedna sabiex jattendu u jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar din il-materja.*

*Kif diskuss fl-aħħar laqgħa msemmija, is-sidien tal-pompa flimkien mal-investitur ta' dan il-proġett kienu identifikaw numru ta' siti alternattvi, kif kienu mitluba, fejn din il-pompa għanda tiġi rrilokata. Wara eżerċizzju estenisiv li sar minn numru ta' esperti, ġie identifkat sit fi Triq Monsinjur Mikiel Azzoaprdi fejn anki wara proċess ta' diskussjonijiet u konsultazzjoni li twettaq lura fl-2019, il-proposta tal-proġett preċedenti kienet ġiet emendata sabiex tirrfletti il-preokupazzjonijiet u s-suġerimenti li tqajjmu mir-residenti Siġġiwin, b'mod partikolari dawk li jirrisjedu fil-viċinanzi ta' fejn qiegħed jiġi propost li tiġi rrilokata din il-pompa.*

*Is-sitwazzjoni fil-preżent hi li din il-pompa għadd m'għandiex l-approvazzjoni mill-awtorita' in kwistjoni sabiex tiġi rrilokata filwaqt li s-sidien tal-pompa ġew kostretti li jridu jwettqu xogħolijiet estensivi ta' rrinovar fuq il-pompa li tinsab fi Pjazza San Nikola sal-aħħar ta' Lulju li ġej. Għaldaqstant dan il-fatt qiegħed ipoġġi lil dawn is-sidien f'pozizzjoni diffiċli hekk kif jinsabu kostretti li se jkollhom jwettqu dan l-investiment ta' modernizzar tal-pompa li għandhom fil-preżent meta diġa wettqu investiment ieħor sabiex inxtrat l-art fejn qiegħed jiġi propost li tiġi rrilokata din il-pompa.*

*Bħala Kunsill Lokali is-Siġġiewi nifhmu li r-rilokazzjoni ta' din il-pompa fi Triq Monsinjur Mikiel Azzoaprdi għanda issir b'għaqal u b'rispett lejn il-liġijiet tal-ippjanar u fuq kollox lejn ir-residenti li jirrisjedu fil-viċinanzi ta' dan is-sit, fejn smajna b'attenzjoni dak li xtaqu jgħidu r-residenti b'mod partikolari ta' dawk li jirrisjedu fil-qrib tas-sit propost għar-rilokazzjoni tal-pompa.*

*Minn naħa l-oħra nemmnu li permezz tar-rilokazzjoni, il-poplu Siġġiewi jkun f'pożizzjoni li jista jgwadi ferm aktar u aħjar din il-Pjazza li indubjament tieħu xejra differenti jekk jiġi attwat il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-pjazza.*
*L-ewwel fattur importanti hi l-pozizzjoni loġisitka li tinsab fiha din il-pompa fejn minħabba l-kjuwijiet li jkun hemm sabiex in-nies jutilizzaw is-servizz tal-pompa, diversi drabi jxekkel l-immaniġjar tat- traffiku f'din il-pjazza. Hemm fattur ieħor ta' estetika u storiku.*

*Infatti il-pompa li hemm fil-preżent tinsab biswit il-Kappella ta' Santa Marija (magħrufa aħjar mas- Siġġiwin bħala ta' Ċwerra) Kappella li ilha mibnija f'din l-istess Pjazza lura sa mill-1742 u li għaldaqstant il-fatt li hemm din il-pompa tmiss eżatt ma' din il-Kapella ixekkel mill-preġju storiku u estetiku ta' din l-istess Kapella.*

*Intant il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi fl-aħħar żminjiet inizja proċess ta' diskussjoni sabiex isir proġett ta' riġenerazzjoni ta' din l-istess pjazza, kemm sabiex nagħtu dehra isbaħ kif ukoll sabiex nindirizzaw l- isfidi li qegħdin naffrontaw illum il-ġurnata fosthom dawk ta' traffiku, aktar spazzju miftuħ sabiex il- pjazza titgawda aktar u anki sabiex nippreservaw il-binjiet storiċi li jinsabu fl-istess pjazza. Għaldaqstant konvinti li bir-rilokazzjoni tal-imsemmija pompa, il-Kunsill Lokali jkun f'pozizzjoni ferm aħjar sabiex jippjana dan il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-pjazza fejn din tkun tista titgawda aktar mill- pubbliku bl-introduzzjoni fost l-oħrajn ta' zona pedonali fl-istess pjazza, aktar miżuri favur aktar aċċessibilta u pjan aħjar għall-immaniġjar tat-traffiku fil-pjazza.*

*Għaldaqstant filwaqt li nemmnu li l-proġett ta' rilokazzjoni għandu jsir b'kawtela u jittieħdu l-miżuri kollha sabiex jipproteġu lil familji u r-residenti tal-viċinanzi, bir-rilokazzjoni tal-istess pompa il-Poplu Siġġiewi se jkun qiegħed igawdi minn pjazza ferm isbaħ filwaqt li l-proġett li se nwettqu ikun jista jiġi pjanat b'mod tajjeb sabiex din il-pjazza tassew titgawda minn kulħadd.*
*Tislijiet, Dominic Grech*

*Sindku*
*Kunsill Lokali is-Siġġiewi"*

Proponent: Is-Sindku Dominic Grech
Sekondant: Il-Kunsillier Adrian Farrugia

Is-Sindku qara il-Mozzjoni u l-ittra. Huwa qal li l-intenzjoni tal-Mozzjoni hija biex tiġi diskussa fil-Kunsill u fil-każ li l-Kunsill jaqbel ikun hemm abbozz lest tal-ittra biex il-Kunsill ikun infurmat mal-kontenut. Huwa qal li diġa saru diversi laqgħat ta' konsultazzjoni pubbliċi u li l-materja ilha tiġi diskussa diversi snin u f'diversi leġislazzjonijiet u għalhekk huwa fl-interess komuni taċ-ċittadini Siġġiwin li jkun hemm deċiżjoni mill-Kunsill. Huwa qal li l-Kunsill sema l-ħsibijiet tan-nies, fejn kien hemm min kellu riżervi iżda huwa l-obbligu li l-Kunsill janaliżża l-applikazzjoni, fejn diversi punti imressqa preċedentement ġew trattati. Huwa qal li fl-aħħar jiem saret laqgħa mal-Ministru għall-Ambjent, fejn kienu preżenti wkoll l-ERA u l-PA, u l-pass li jmiss li tittieħed deċiżjoni biex titressaq f'livell ta' kabinett.

Is-Sindku stieden lill-Kunsill jiddiskuti l-materja u li fil-preżenza tal-Perit u l-applikant, f'każ li hemm mistoqsijiet tekniċi, tiġi sospiża s-Seduta.

Il-Kunsillier Julian Borg saqsa x'inhi l-intenzjoni tal-iitra jekk hix biex il-Ministru jintervjeni biex jinħareġ il-permess. Is-Sindku wieġeb li din il-kwistjoni ilha pendenti, u li diġa kien hemm diversi konsultazzjonijiet, il-Kunsill bħala *main stakeholder* għandu finalment jieħu deċiżjoni.

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit qalet li diġa hemm deċiżjoni ċara tal-Kunsill fis-sottomissjoni li kienet ġiet preżentata. Hi qalet li ma tistax tifhem għaliex is-Sindku qed jibqa' jgħid li l-Kunsill m'għandux pożizzjoni meta hemm sottomissjoni li ġiet preżentata lill-PA u bi qbil unanimu mill-Kunsill Lokali. Hija fakkret li l-irwol tal-Kunsill Lokali huwa li jħares l-interess tas-Siġġiewi mhux jintuża biex jinfluwenza interessi oħra politiċi jew kummerċjali. Għalhekk qalet li ma tistax tifhem għaliex is-Sindku fassal ittra li għandha kunflitti ta' pożizzjonijiet minflok bagħat il-pożizzjoni eżistenti tal-Kunsill lill-Ministru.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-ittra hija kontradittorja għax filwaqt li jissemma l-proċess tal-applikazzjoni u l-pożizzjoni tal-awtortajiet f'dan ir-rigward, qed nitolbu lill-Ministru biex jintervjeni u jaqbeż lill-Awtoritajiet. Huwa qal li jekk ġew sotto messi r-rapporti li kienu intalbu mill-Kunsill dawn qatt ma ġew preżentati biex il-Kunsill ikun jista jerġa jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu.

Is-Sindku qal li llum għandna inressqu t-tħassib tagħna biex isiru l-kjarifiki meħtieġa, u l-kwistjoni ma tibqax titwal. Huwa qal li l-viżjoni tal-Kunsill kienet dejjem ċara li l-pompa għandna tiċċaqlaq mill-Pjazza. Barra dan huwa qal li hemm fil-pjanijiet proġett ta' riġenenrazzjoni tal-Pjazza u allura għandha tittieħed deċiżjoni mingħajr iktar dewmien biex il-pompa tiċċaqlaq.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet filwaqt li hemm qbil li l-pompa tiċċaqlaq mill-Pjazza iżda dan ma jfissirx li r-rilokazzjoni għandha ssir bl-addoċċ jew mingħajr

kunsiderazzjonijiet ambjentali u ta' pjanar. Dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Pjazza, hi qalet li l-Kunsill Lokali fil-leġislatura li għaddiet kien diġa' fassal pjanti li jaħsbu għall-proġett waqt li għad hemm l-petrol station u anke għal jekk tiċċaqlaq għall-post ieħor. Għalhekk qalet li hija rresponsabbilta' mis-Sindku li nużaw il-materja bħala ostaklu għall-proġett tal-Pjazza. Hi qalet li l-Kunsill għandu jinsisti li jsiru r-rapporti li ntalbu fis-sottomissjoni filwaqt li jitqabbad espert biex jagħmel studju fuq is-Siġġiewi bħal ma kien sar fil-każ tal-kappella tas-Salib tal-Għolja u jindika siti adattati għall-petrol station.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-proġett tal-Pjazza m'għandux ikun marbut biss mal-każ tal-pompa. Hija qalet li jekk kien hemm bdil tal-pjanti sottomessi jew rapporti, dawn għandhom jiġu sottomessi lill-Kunsill. Hija taqbel li l-Kunsill għandu jistenna sakemm dak kollu li ntalab fis-sottomissjoni lill-PA jiġi preżentat. Hija qalet li dan huwa proġett maġġuri li l-impatt tiegħu huwa kbir u għalhekk m'għandha tittieħed l-ebda deċiżjoni għaġġelija, iżda l-Kunsill għandu jinsisti biex ikollu r-rekwiżiti kompleti kemm jista' jkun malajr ħalli jkun jista' jevalwa u jiddeċiedi.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-ebda studju ma jista' jiġi eskluż u kull rapport li ntalab għandu l-piż tiegħu.

Is-Sindku saħaq dwar id-demien biex ittieħed deċiżjoni u li hemm deadline fil-qrib. Il-Kunsillier Julian Borg qal li jekk qed toqrob id-dead line il-Kunsill għandu jitlob li din tiġi estiża sakemm isiru l-affarijiet kollha neċessarji. Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit qalet li l-kunsilliera m'għandhomx ibaxxu rashom għall-pressjonijiet żejda ta' deadlines li qed isiru minħabba li awtoritajiet mhux jikkordinaw sew bejniethom. Hi qalet li nuqqas ta' koordinazzjoni u l-burokrazija tal-awtoritajiet m'għandhomx ikunu mezz kif tintefa ħtija jew pressjoni fuq l-Kunsill ħalli jinqeda xi nteress partikolari ta' min irid juża l-Kunsill għall-interessi tiegħu. Sostniet li jekk hemm nuqqasijiet mill-awtoritajiet biex jiġu kkordinati deadlines bejn l-upgrade tal-pompa preżenti u l-applikazzjoni għar-rilokazzjoni, għandhom jiġu kkuntatjati l-awtoritajiet kompetenti mhux tintefa pressjoni inutli fuq l-Kunsill. Hi qalet li l-Kunsill għandu jżomm mal-rwol u pożizzjoni tiegħu u jekk hemm xi għaġġla aħjar allura li jsiru r-rapporti mitluba mill-Kunsill minflok tintalab pożizzjoni immedjata u qas ġie preżentat rapport wieħed li talab l-Kunsill. Alessia Psaila Zammit qalet ukoll li l-pjanti l-ġodda għandhom jiħu diskussi mar-residenti.

Is-Sindku qal li l-konsultazzjoni mar-residenti diġa saret u l-Kunsill diġa ġabar il-ħsibijiet u l-punti imqajjma mir-residenti fejn kien hemm minnhom validissimi u oħrajn inqas.

Alessia Psaila Zammit u Julian Borg sostnew li la hemm bidliet konsiderevoli fil-pjanti, għandhom jiġu nfurmati u kkonsultati r-residenti. Huma qalu li billi l-pjanti huma aċċessibli għall-pubbliku ma jfissirx li l-Kunsill għandu jeskludi li jwassal l-informazzjoni u jikkonsulta.

Il-Kunsillier Adrian Farrugia saqsa jekk hux possibbli li naraw il-pjanti emendati ħalli nkunu nistgħu nevalwaw jekk il-punti mqajjma mill-pubbliku ġewx indirizzati.

Il-kunsillier Julian Borg qal li l-fatt li Adrian Farrugia qed jistaqsi biex jara l-pjanti, jikkonferma kemm huwa bżonnjuż li l-Kunsill Lokali ma jassumix li r-residenti jkunu raw l-bidliet fil-pjanti u allura jikkonferma kemm huwa bżonnjuż li ssir konsultazzjoni.

Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li wieħed mir-rekwiżiti mitluba mill-Kunsill kien l-Impact

Assessment report li sal-lum għadu ma ġiex sottomess. Huwa qal li jistaqsi għaliex dan sallum baqa' ma sarx.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li dan mhux il-mod li l-Kunsill jieħu deċiżjoni. Hija qalet li min għandu interess, cioe l-applikant għandu jippreżenta d-dokumenti kollha quddiem il-Kunsill mhux jippretendi li mmorru nfittxuhom aħna. Hija qalet ukoll li l-pubbliku għandu dritt ikun jaf x'ser jiġri wara li esprima l-opinjoni u l-ħsibijiet u anka wara li ġiet preżentata petizzjoni.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li peress li hemm il-preżenza tal-applikant u l-Perit, jipproponi li s-Seduta tiġi sospiża biex il-Kunsill jisma' l-pożizzjoni minn naħa tagħhom. Huwa qal li l-informazzjoni li għandna s'issa hija li l-area ġiet imnaqqsa, iżda ma nafux x'tibdil kien hemm biex jiġu sodisfatti l-kriterji.

Is-Sindku ssospenda s-Seduta fis-7.00pm.

Is-Sindku fetaħ is-Seduta fis-7.20pm.

Is-Sindku qal li issa smajna spjegazzjoni dettaljata u teknika u li m'hemm l-ebda tellieqa għal ħin. Huwa qal li l-Kunsill ser jeżieġi li jkun preżentat l-Environemtal Impact Assessment report u rapporti oħra li l-Kunsill kien talab li jiġu sottomessi.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li qed isir ħafna diskors dwar siti alternattivi, u qed noqogħdu fuq li jgħid l-applikant. Hija qalet li l-Kunsill għandu jagħmel studju indipendenti biex jivverifika dan, jiġu indentifikati is-siti alternattivi u jsir rapport li jindika liema żoni fis-Siġġiewi huma rakkomdati għal fuel station. Hija saħqet li l-Kunsill ma jistax jara interessi kummerċjali iżda jivverifika li d-deċiżjoni fiha bażi. Il-Kunsilliera qablu li għandu jiġi kkuntatjat minnufih l-espert Dr Adrian Mifsud biex jagħti stima u gwida fuq dan l-istudju.

Deċiżjoni fuq il-Mozzjoni

Is-Sindku propona li l-materja tibqa' sospiża sakemm jiġu sottomessi r-rapporti kollha mitluba, u qabel li minnufih il-Kunsill Lokali għandu jitlob lil Dr Adrian Mifsud biex jagħti gwida u stima għall-studju fuq s-siti fejn tista' ssir petrol station fis-Siġġiewi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**407.6 Jum is-Siġġiewi – Serata u Għoti tal-Unur Onoreficenza**

Is-Sindku qal li kif kien ġie diskuss, is-Serata ta' Jum is-Siġġiewi tiġi posposta minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija. Kien sar qbil li s-serata ssir preferibilment fi żmien tal-festa ta' San Nikola f'Ġunju. Huwa qal li wara laqgħa mal-

Arċipriet ġie diskuss li skond direzzjoni mill-Kurja, il-funzjoni ta' ġewwa ssir b'xi eċċezzjoni fosthom il-purċissjoni u l-ħruġ tal-istatwa. U għalhekk ġie propost li s-Serata ta' Jum is-Siġġiewi tiġi amalgamata maċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa u ssir it-Tlieta 22 ta' Ġunju, barra fil-Pjazza. Madankollu, wara li s-Segretarju Eżekutiiv ikkonfermat rigward restrizzjonijiet preżenti u permessi li hemm bżonn, ġejna infurmati li sa Ġunju ma ssir l-ebda attivita pubblika fuq barra, għalhekk għandha tiġi kkunsidrata data aktar 'il quddiem meta jiġu riveduti r-restrizzjonijiet.

**407.7 Vakanza Clerk Skala 15**

Is-Sindku informa li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ma ġietx aċċettata mid-DLG peress li l-kandidat ma kienx eliġibbli u għalhekk is-sejħa ser terġa toħroġ mill-ġdid.

Il-Kunsill approva li tinħareġ is-sejħa mill-ġdid għal impjegat fuq skala 15.
Dan l-impjieg ikun iffinanzjat mill-fondi tal-Kunsill.

**407.8 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar – Marzu 2021 (Q1)**

Is-Sindku stieden lis-Segretarju Eżekuttiv tagħti spjega tar-Rapport Finanzjarju għal perjodu Jannar -Marzu. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tar-rapport u tat spjega. Is-Sindku ressaq ir-rapport għall-approvazzjoni.

Il-Kunsill unanimament approva.

**407.9 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Il-Kunsillier Julian Borg ddikjata kunflitt ta' nteress bħala Perit u għalhekk mhux ser ikun qed jikkummenta dwarhom. Dawn huma PA3482/21, PA3128/21, PA3119/21, PA2623/21, PA2398/21, PA2463/21, PA2326/21.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia ddikjarat kunflitt ta' interess fuq aplikazzjoni PA2772/21.

**407.9.1** PA/03032/21 - *To open road for better vehicular access and movement. To construct rubble boundary walls* – site at Tal-Għaqba

Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-ERA qed titlob li l-S-bend tiġi rijabilitata f'art agrikola. Huwa propona li l-Kunsill gġandu jaqbel ma din ir-rakkomandazzjoni u jagħmel sottomissjoni f'dan is-sens. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sotto missjoni tagħlaq fl-4 ta' Ġunju 2021.

**407.10 Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**407.10.1** Ċikulari AKL 2021/037 Group Life Policy

Is-Sindku rrefera għal Ċikulari AKL 2021/037 Group Life Policy għal membri eletti, liema korrispondenza kienet diġa ġiet ċirkolata l-Kunħadd għad-dettalji tal-polza.
Huwa talab lill-Kunsilliera jindikaw min jixtieq li jkun inkluż f'din il-polza. Il-Kunsilliera Kurstein Sant u Julian Borg qalu li m'humhiex interessati li jkunu inklużi. Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €65 kull wieħed għal 5 kunsilliera li ser ikunu imsieħba.

**407.10.2** Ċirkulari AKL 2021/042 Reverse Vending Machines

Is-Sindku rrefera għaċ-ċirkolari AKL2021/042 fejn l-AKL qed titlob ir-rejazzjonijiet u l-proposti mill-Kunsilli Lokali. Huwa qal li l-korrispondenza diġa ġiet ċirkolata lilhom b'email biex ikunu jistgħu jaraw id-dettalji, u l-feedback għandu jasal għand is-Segretarju Eżekuttiv sa din il-ġimgħa.

**407.11 Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**407.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**407.13 Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**407.13.1** Korsijiet ta' kompjuter għas-Sajf

Il-Kunsilliera Francine Farrugia infurmat li bħala dekasteru edukazzjoni qed tikkoordina biex isiru sezzjonijiet ta' Robotics u ECDL matul is-Sajf. Hija qalet li wara kuntatt mat-TCTC biex ikun hemm l-aħjar offerta, ġie finaliżżat li l-Kunsill iħallas €2800 għal agreement ta' Robotica, u l-istudent iħallas €5 spejjez ta' amministrazzjoni lil Kunsill, u €2800 għall-agreement tal-ECDL u l-istudent iħallas €25 spejjez ta' amministrazzjoni lil Kunsill. It-TCTC offrew li l-Kunsill jingħata lura €800 bħala għajnuna edukattiva. Il-Kunsill qabel unanimament.

**407.13.2** Il-Viċi Sindku infurmat li ċ-Ċentri għall-Anzjani ser jerġgħu jibdew joperaw u anka l-attivita ta' nhar tat-Tnejn tal-Anzjanita Attiva. Hija qalet li qed tipjana xi attivitajiet għall-anzjani.

**407.13.3** Il-Kunsillier Kurstein Sant propona li Triq tan-Nofs tiġi one-way, peress li fil-biċċa li tidjieq huwa impossibbli li jgħaddu żewġ vetturi.

**407.13.4** Il-Kunsillier Kurstein Sant staqsa jekk il-Kunsill kienx infurmat dwar l-iżviliupp ta' dar tal-Awtiżmu fi Triq Tan-Nofs. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qatt ma rċevejna l-ebda kominikat dwar dan. Is-Sindku qal li l-unika informazzjoni li kellu hija li kienet ser issir konferenza stampa.

**407.13.5** Il-Viċi Sindku qalet li kienet irċeviet diversi ilmenti rigward il-ħinijiet tal-għeluq tal-lattrina f'Għar Lapsi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li filwaqt li kienet tkellmet mal-Kuntrattur li jieħu ħsieb il-lattrini u qallha li qed ikun hemm kwanita kbira ta' nies fil-park u li idejalment ikun hemm attendant fil-post anka biex isir tindif kontinwament u biex jiġi evitat vandaliżmu. Iċ-ċifra stmata hija ta' €8 is-siegħa. Is-Sindku propona li huwa favur li jkun hemm attendant għal 3 sigħat kuljum fix-xhur tas-Sajf, mid-9.00pm sal-11.00pm mill-1 ta' Ġunju. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan.

**407.13.6** Il-Kunsillier Julian Borg qal li hemm diversi ħsarat fil-play equipment ta' Għar Lapsi, li jidhru li huma dovuti minn materjal mhux ta' standard, fosthom sadid. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li il-play equipment huwa taħt garanzija, u għalhekk ser isir kuntatt mas-supplier ħalli jitranġaw in-nuqqasijiet.

**407.13.7** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa x'inhi l-pożizzjoni dwar it-talbiet tal-mirja. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbiet tal-mirja kemm imkissra u anka ġodda qed jiġu reġistrati. Kif kien deċiż f'Seduti ta' qabel it-talbiet għandhom jiġu diskussi minn bord u tittieħed deċiżjoni.

**407.13.8** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li hemm xi truf ta' cement perikolużi fil-park tat-tfal li għandhom bżonn jitranġaw biex nevitaw inċidenti.

**407.13.9** Il-Kunsilliera Farrugia qalet li hemm bżonn refreshing tal-marki tat-traffiku mad-dawra tal-bandli Nalizpelra.

**407.13.10** Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li hemm mera mkissra Bur il-Kbir. Huwa nsista li din iż-żona hija accident black spot anka minħabba l-ammont kbir ta' trakkijiet u hemm bżonn li tinbidel mill-iktar fis.

**407.14** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-8.30 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 21 ta' Ġunju 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

.

Konfermati, illum 21 ta' Ġunju 2021

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv